II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/15

**tal-14 ta' Diċembru 2018**

**li tadotta t-tielet aġġornament tal-lista ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku**

*(notifikata bid-dokument C(2018) 8522)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-reġjun bijoġeografiku Steppiku li hemm referenza għalih fl-Artikolu 1(c)(iii) tad-Direttiva 92/43/KEE huwa magħmul minn partijiet tat-territorju tal-Unjoni tar-Rumanija, kif speċifikat fil-mappa bijoġeografika approvata fl-20 ta' April 2005 mill-kumitat stabbilit bl-Artikolu 20 ta' dik id-Direttiva ("il-Kumitat dwar il-Ħabitats").

(2) Il-lista inizjali tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku, skont it-tifsira tad-Direttiva 92/43/KEE, ġiet adottata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/966/KE ([2]). Din il-lista ġiet aġġornata l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/736/UE ([3]).

(3) Is-siti inklużi fil-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku jiffurmaw parti min-netwerk Natura 2000, li huwa element essenzjali għall-ħarsien tal-bijodiversità fl-Unjoni. Sabiex in-netwerk Natura 2000 ikompli jiġi stabbilit dejjem iktar u fil-kuntest tal-adattament dinamiku ta' dan in-netwerk, il-listi tas-siti ta' importanza Komunitarja huma rieżaminati regolarment.

(4) Bejn id-19 ta' Ġunju 2017 u t-2 ta' Marzu 2018, ir-Rumanija pproponiet siti addizzjonali ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/43/KEE. Ir-Rumanija ppreżentat ukoll tibdil fit-tagħrif dwar is-sit, li jinsab fil-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku.

(5) Abbażi tal-abbozz tal-lista mfassla mill-Kummissjoni bi ftehim mal-Istat Membru kkonċernat, li jidentifika wkoll is-siti li għandhom tipi ta' ħabitats naturali ta' prijorità jew speċijiet ta' prijorità, jenħtieġ li tiġi adottata lista aġġornata ta' siti magħżulin bħala siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku. L-Artikoli 4(4) u 6 tad-Direttiva 92/43/KEE japplikaw għas-siti inklużi reċentement.

([1]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/966/KE tat-12 ta' Diċembru 2008 li tadotta, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 117).
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/736/UE tas-7 ta' Novembru 2013 li tadotta l-ewwel lista aġġornata tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku (ĠU L 350, 21.12.2013, p. 36).

(6) L-għarfien dwar l-eżistenza u t-tqassim tat-tipi ta' ħabitats naturali u tal-ispeċijiet qiegħed jevolvi kontinwament minħabba s-sorveljanza mwettqa skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 92/43/KEE. Għalhekk, l-evalwazzjoni u l-għażla tas-siti fil-livell tal-Unjoni saru bl-użu tal-aqwa informazzjoni disponibbli f'dak iż-żmien.

(7) Fir-rigward tar-reġjun bijoġeografiku Steppiku, ir-Rumanija ma pproponietx biżżejjed siti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-Direttiva 92/43/KEE għal ċerti tipi ta' ħabitats u speċijiet. Barra minn hekk, l-għarfien dwar l-eżistenza u t-tqassim ta' xi wħud mit-tipi ta' ħabitats naturali fl-Anness I u ta' xi wħud mill-ispeċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE, baqa' mhux komplut. Għaldaqstant, għal dawk it-tipi ta' ħabitats u speċijiet, ma jistax jiġi konkluż li n-netwerk Natura 2000 huwa komplut.

(8) Fl-interess taċ-ċarezza u tat-trasparenza, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/736/UE jenħtieġ li titħassar.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Ħabitats,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ġie adottat it-tielet aġġornament tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku kif stipulat fl-Anness.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/736/UE titħassar.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

Karmenu VELLA

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**It-tielet aġġornament tal-lista ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Steppiku**

Kull sit ta' importanza Komunitarja (SIK) huwa identifikat bit-tagħrif mogħti fil-format tan-Natura 2000, inkluża l-mappa korrispondenti. Dan it-tagħrif intbagħat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 92/43/KEE.

It-tabella ta' hawn taħt tagħti t-tagħrif li ġej:

A: il-kodiċi SIK li fih disa' karattri, li minnhom l-ewwel tnejn huma l-kodiċi ISO tal-Istat Membru;

B: isem is-SIK;

C: * = il-preżenza tas-SIK f'mill-inqas tip ta' ħabitat naturali u/jew speċi ta' prijorità wieħed/waħda skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/43/KEE;

D: l-erja tas-SIK f'ettari jew it-tul tas-SIK f'km;

E: il-koordinati ġeografiċi tas-SIK (il-latitudni u l-lonġitudni) fi gradi deċimali.

It-tagħrif kollu mogħti fil-lista tal-Unjoni ta' hawn taħt huwa bbażat fuq id-*data* proposta, mibgħuta u vvalidata mir-Rumanija.

| A | B | C | D | | E | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kodiċi tas-SIK | Isem is-SIK | * | Erja tas-SIK (ha) | Tul tas-SIK (km) | Koordinati ġeografiċi tas-SIK | |
| | | | | | Lonġitudni | Latitudni |
| ROSCI0005 | Balta Albă — Amara — Jirlău — Lacul Sărat Câineni | * | 6 397,6 | | 27,316536 | 45,289225 |
| ROSCI0006 | Balta Mică a Brăilei | | 20 665,5 | | 27,906128 | 44,943669 |
| ROSCI0012 | Brațul Măcin | * | 10 433,2 | | 28,118842 | 44,867642 |
| ROSCI0022 | Canaralele Dunării | * | 26 109,9 | | 27,899211 | 44,246708 |
| ROSCI0053 | Dealul Alah Bair | * | 193,5 | | 28,218786 | 44,501053 |
| ROSCI0060 | Dealurile Agighiolului | * | 1 514,1 | | 28,83043 | 45,041464 |
| ROSCI0065 | Delta Dunării | * | 453 645,5 | | 29,198361 | 45,052417 |
| ROSCI0067 | Deniz Tepe | * | 414,4 | | 28,688092 | 45,003028 |
| ROSCI0071 | Dumbrăveni — Valea Urluia — Lacul Vederoasa | * | 18 024,4 | | 27,879294 | 44,147972 |
| ROSCI0072 | Dunele de nisip de la Hanul Conachi | * | 249,2 | | 27,578975 | 45,571839 |
| ROSCI0083 | Fântânița Murfatlar | * | 577,5 | | 28,386333 | 44,154403 |
| ROSCI0103 | Lunca Buzăului | * | 9 575,4 | | 27,001089 | 45,075905 |
| ROSCI0105 | Lunca Joasă a Prutului | * | 5 753,4 | | 28,179103 | 45,418505 |
| ROSCI0114 | Mlaștina Hergheliei — Obanul Mare și Peștera Movilei | * | 231,7 | | 28,583339 | 43,83785 |
| ROSCI0123 | Munții Măcinului | * | 16 926,6 | | 28,303483 | 45,155361 |
| ROSCI0131 | Oltenița — Mostiștea — Chiciu | | 11 521,2 | | 26,813089 | 44,101503 |
| ROSCI0133 | Pădurea Bădeana | * | 62,3 | | 27,571833 | 46,156728 |
| ROSCI0134 | Pădurea Balta — Munteni | | 85,8 | | 27,464731 | 45,948678 |
| ROSCI0139 | Pădurea Breana — Roșcani | * | 155 | | 27,994822 | 45,926528 |

| A | B | C | D | | E | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ROSCI0149 | Pădurea Eseschioi — Lacul Bugeac | * | 2 942,8 | | 27,437842 | 44,081742 |
| ROSCI0151 | Pădurea Gârboavele | * | 219,8 | | 27,997914 | 45,576669 |
| ROSCI0157 | Pădurea Hagieni — Cotul Văii | * | 3 680,1 | | 28,427772 | 43,742622 |
| ROSCI0162 | Lunca Siretului Inferior | * | 24 980,6 | | 27,270253 | 45,878 |
| ROSCI0163 | Pădurea Mogoș — Mâțele | * | 65,5 | | 27,948678 | 45,721917 |
| ROSCI0165 | Pădurea Pogănești | * | 173,5 | | 28,0255 | 45,976192 |
| ROSCI0169 | Pădurea Seaca — Movileni | * | 50,7 | | 27,533314 | 46,288261 |
| ROSCI0172 | Pădurea și Valea Canaraua Fetii — Iortmac | * | 13 636,7 | | 27,611631 | 44,027705 |
| ROSCI0175 | Pădurea Tălășmani | | 54,3 | | 27,840661 | 46,122075 |
| ROSCI0178 | Pădurea Torcești | | 132,1 | | 27,490425 | 45,680747 |
| ROSCI0191 | Peștera Limanu | | 21,4 | | 28,522075 | 43,807069 |
| ROSCI0201 | Podișul Nord Dobrogean | * | 84875 | | 28,48925 | 44,766353 |
| ROSCI0213 | Râul Prut | | 10 583,4 | | 28,127055 | 46,129622 |
| ROSCI0215 | Recifii Jurasici Cheia | * | 5 654,5 | | 28,453094 | 44,483892 |
| ROSCI0259 | Valea Călmățuiului | * | 18 125,7 | | 27,416908 | 44,953353 |
| ROSCI0278 | Bordușani — Borcea | * | 5 847,5 | | 27,913892 | 44,520333 |
| ROSCI0286 | Colinele Elanului | * | 741,4 | | 28,12623 | 46,400597 |
| ROSCI0290 | Coridorul Ialomiței | * | 27 109,2 | | 26,883194 | 44,602303 |
| ROSCI0305 | Ianca — Plopu — Sărat — Comăneasca | * | 3 234,5 | | 27,717489 | 45,227367 |
| ROSCI0307 | Lacul Sărat — Brăila | * | 329,4 | | 27,895547 | 45,207547 |
| ROSCI0309 | Lacurile din jurul Măscurei | | 1139 | | 27,539814 | 46,388753 |
| ROSCI0315 | Lunca Chineja | | 923,9 | | 28,037417 | 45,761705 |
| ROSCI0319 | Mlaștina de la Fetești | | 2 110,9 | | 27,802817 | 44,340708 |
| ROSCI0340 | Cuiugiuc | * | 139 | | 27,51245 | 44,034981 |
| ROSCI0343 | Pădurile din Silvostepa Mostiștei | * | 2 115,3 | | 26,725792 | 44,242261 |
| ROSCI0353 | Peștera — Deleni | | 2 549,3 | | 28,083069 | 44,115219 |
| ROSCI0360 | Râul Bârlad între Zorleni și Gura Gârbăvoțului | | 2 478,8 | | 27,66963 | 46,20675 |
| ROSCI0389 | Sărăturile de la Gura Ialomiței — Mihai Bravu | * | 3 488,6 | | 27,75385 | 44,755803 |
| ROSCI0398 | Straja — Cumpăna | | 1 099,8 | | 28,504836 | 44,091892 |
| ROSCI0412 | Ivrinezu | | 411,1 | | 28,003356 | 44,249917 |